# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqħa tal-Kunsill Lokali Hal Safi

Is-Seba' Legislatura

Laqgħa Numru 3/2017

15 ta' Marzu 2017

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40 Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola Ħal Safi, fil-5:00 pm.

Prezenti

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Vici Sindku |
| Carlo Stivala | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |

Assenti b'ittra ta' Apoligija

| | |
|---|---|
| Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |

Ufficcjal Prezenti

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino | Deputat Segretarju Ezekuttiv |

Minuti:

3.1 Qari tal-ittri ta' Apoligiji

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra tal-apologija tal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil li għadu kemm ħareġ mill-isptar. Huwa qiegħed jiġi skużat mil-laqgħa.

3.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.

3.2.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha preċidenti. Dawn ġew appovati u ffirmati mis-Sindku u mid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

3.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Carlo Stivala staqsa fejn konna wasalna rigward l-applikazzjoni għal bicycle racks. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv kkonfermat li kellha terġa tieħu kwotazzjonijiet ġodda

u li kienet irrevediet l-applikazzjoni skond il-kwotazzjoni l-ġdida pero' s'issa ma konna ħadna l-ebda tweġiba.

3.2.3 Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla saqsiet rigward it-triq li għalija konna ser naplikaw għal mizura 4.3 peress li issa t-triq l-isfel minn ġnien ta' ball kienu ser japplikaw għaliha Transport Malta. Is-Sindku kkonferma li għalhekk konna identifikajna triq ġdida għaliex ma tagħmilx sens li naplikaw għaliha aħna wkoll.

3.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Francis Callus staqsa rigward ref punt. 2.3.4. Is-Sindku qal li din ser tkun diskussa aktar tard.

3.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku ressaq ir-ritratti ta' fejn l-Mithna tax-Xarolla. Is-Sindku u l-Viċi Sindku ddiskutew fejn għandhom jeħlu l-poles, sabiex inkunu nistgħu nieħdu l-massimu tad-dawl. Is-Sindku qal li jekk jirnexxielna nagħmlu dawn l-arbli tad-dawl nkunu nistgħu nqabbdu d-dawl taz-Zebra Crossing magħhom. Is-Sindku qal ukoll li konna ser nipruvaw li jagħmluhomna l-Enemalta.

Il-Vici Sindku saqsa rigward l-kameras li hemm viċin l-ATM. Is-Sindku kkonferma illi dawn m'humiex qed jaħdmu u li konna ser nistallaw Dome Camera hekk kif nagħmlu l-bandli. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel illi apparti d-Dome għandna ukoll ninstallaw kamera viċin l-ATM biex ikun hemm aktar sikurezzja.

17:24 Il-Kunsillier Carlo Stivala ġie skuzat .

3.4 Is-Sindku qal li kien avviċinah is-Sur Patrick Abdilla li joqgħod Triq ta' Rqajja. Din l-istess persuna għandu garaxx fi Triq San Gorg u minn kemm ilu li xtara van gdid, minnhabba l-kobor ta' dan il-van qiegħed isibha diffiċli ferm sabiex jidħol u joħroġ fil-garaxx tieghu meta jkun hemm karozza pparkjata fil-parking space tal-faccata. Is-sid tkellem mas-Sindku u qallu li huwa johrog kmieni fil-5am ghax-xoghol u dak mhuwiex hin li jmur ihabbat lil dak li jkun sabiex johrog icaqlaqlu l-karozza. Wisq qed jibza li xi darba jew ohra se jispicca jolqot xi karozza. Is-Sindku kkonferma li mar personalment fuq il-post u s-sid fetah il-garaxx u ra b'ghajnejh il-van li qed jirreferi ghalih is-sid u kkonferma wkoll il-problema li qed jiffacca s-sid anke peress li l-bieb tal-garaxx huwa skuntrat.

17:30 Il-Kunsillier Carlo Stivala reġa daħal għal laqgħa.

Għalkemm il-kunsill jaf li kull ma jmur qiegħda tiżdied il-problema tal-parking, fl-istess ħin ma jistax ikun li jżomm persuna milli johrog il-vettura tieghu mill-garaxx. Il-Kunsill qabel unanimament li dan il-parking tal-faccata tal-garaxx għandu jitneħħa.

3.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

3.4.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet rigward punt 0090/17 rigward il-*Premises for Child Care Centre*. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv kkonfermat li s-sinjorina Bezzina kienet qed titlob sabiex tara jekk għandnix post adekwat sabiex iservi bhala Child Care Centre.

3.4.2 Il-Viċi Sindku staqsa rigward email 102/17/1 għaliex din li ssir talba permezz ta' e-mail kienet saret għat tieni darba. Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla kkonfermat li dan kien sar għaliex meta kellha tkun il-laqgħa kien ser ikun viċin wisq l-attivita' u kemm is-Sindku, kif ukoll l-kunsilliera Joanna Abdilla kkonfermaw illi ghalkemm il-kunsill kien ta l-approvazzjoni permezz tal-e-mail din xorta kienet ser tkun diskussa waqt il-laqgha ta' wara. Il-Kunsill qabel illi jekk jista' jkun fejn possibbli talbiet għandhom isiru kmieni sabiex ikunu diskussi waqt il-laqgħa tal-kunsilll.

3.4.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet fuq e-mail 133/17/1 li kienet tirrigwardja l-opportunita biex tipparteċipa fi progett tal-Eloge ma' Udite u l-Kunsill ta' Ewropa. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet e-mail mibgħuta mill-Assocjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Ezekuttivi rigward il-progett dwar Good Governance.

3.4.4 Il-Kunsillier Carlo Stivala saqsa fuq l-mail rigward ir-robotics. Id-Deputat Segretarju qalet li din l-inizjattiva' kienet ser tiġi diskussa aktar tard fil-laqgħa.

3.5 Rapporti

Ma kienx hemm rapparti għal din il-laqgħa.

3.6 Items oħra

3.6.1 Proposta ta' Parkjar

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla saqsiet fejn kienu ġejjin eżatt dawn il-parking spaces u jekk m'humiex ġejjin minflok il-bring in sites li hemm fi triq ta' Gawhar. Il-kunsill spjega fejn ġejjin. Is-Sindku qal li kien bagħat l-amendments li konna proponejna fil-laqgħa preċidenti u li konna erġajna rċivejna l-proposta ġdida minngħand Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel unanimament mal-proposta l-ġdida.

3.6.2 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv resqet e-mail li rcivejna minghand tctc malta. Hija qalet li din kienet proposta sabiex isir course tal-kompjuters bit-tema robotics. Hija spjegat illi l-kunsill ser ikollu jħallas l-ammont ta' 700 Euros kif kien miftiehem li ser ikun qed ikopri 50 student. Jekk ikun hemm aktar studenti l-kunsill ser ikun obligat li jħallas 25 Euro fuq kull student extra. Apparti minn dan il-kunsill qieghed ikun mitlub li jħallas 150 Euro extra jekk f'nofs tal-course jinqala' xi ħsara fil-kompjuters. Il-Kunsill qabel li kif kien miftiehem kull ma aħna lesti li nħallsu huma s-700 Euros fis-sena li konna ftiehemna ma' TCTC. M'aħna ser nikkommettu ruhna għall-ebda spejjeż oħra.

3.6.3 Id-deputat segretarju ezekuttiv qalet illi konna rċivejna minghand OHSA rigward il-ħarsien tas-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Id-Deputat Segretarju qalet illi kienet ser titlob xi kwotazzjonijiet sabiex ikollna First aid u fire fighting appliances adekwati u ser jintalab sabiex jiġi safety officer sabiex naraw kif ser nistallaw il-Fire Alarms. Il-Kunsill qabel unanimament.

*3.6.4* Il-kunsilliera Joanna Abdlla qalet illi ser jerġgħu jagħmlu mixegħla f'Ħamis ix-Xirka għalhekk ser ikollhom bżonn it-tabelli ta' No Parking dak inhar.

Qalet ukoll li ser juzaw xemgħat li kienu ħarġu tal-Kunsill Lokali Żagħżagħ. Ukoll f'Ħamis ix-Xirka il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ser ikun hemm l-attivita' ta' Puttinu għalhekk il-Kunsill għandu jorganizza it-trasport. Min ikun interessat għandu jew jinkiteb magħha jew il-Kunsill.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla resqet talba sabiex jinqata' l-ħaxix ta' wara l-isqaq tal-Knisja.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li hemm tabella Triq il-Kuċċard li m'għadx hemm użu għaliha u li għalhekk għandha tinqala'

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ser torganizza ħarġa sabiex imorru jaraw ix-Xabla ta' l-La Vallette- il-Belt Valletta.

Talbet ukoll jistax il-ħajt tal-bandli wara s-sigar jitbajjad u jitranga sabiex ikunu jistgħu jagħmlu murial żgħira u talbet ukoll sabiex ssir mera triq tal-Ajzar c/w Triq San Gorg – pero' il-kunsill qabel li diga' hemm mera.

Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li it-Tnejn ta' wara kienu ser jibdew l-eżercizzi. Hija rraportat ukoll li triq il-Karwija hija bla dawl – pero s-Sindku kkonferma illi dan diġa kienet irraportata.
Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi l-pjazza hemm ħafna wires imdendlin – Is-Sindku kkonferma li dawn kienu diġa' rrapurtati.

3.6.5 Il-Viċi Sindku saqsa jekk il-ħaddiema tagħna kinux responsabbli li għamlu l-patching u jekk iva min kien il-ħaddiem li waddab l-emulsion fuq il-paving blocks. Il-Sindku qal li kellu jiċċekja mal-ħaddiema rigward dan. Il-Viċi Sindku qal ukoll li l-area tal-ħlantun għandna naqtgħu l-ħaxix għaliex kien kiber ħafna.

3.6.6 Il-Kunsillier Carlo Stivala ssugerixxa li nżidu l-ħamrija fil-ħawt ta' fejn hemm il-bandli.

Il-Kunsilier Carlo Stivala qal ukoll illi dik il-Ġimgħa kien hemm persuna li rmiet vjaġġ madum fit-triq. Saret diskussjoni sabiex forsi ċertu abbużi jinqatgħu.

Il-Kunsilier Carlo Stivala qal ukoll illi Gnien 31 ta' Marzu għandu jiġi rikonoxxut u forsi nagħmlu ġebla kommemorattiva.

3.7 Konfini bejn il-Kunsill ta' Ħal Safi u l-Kunsill taż-Żurrieq

3.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill taż-Żurrieq kien bagħatilna Protest Gudizzjarju bil-Qorti. Is-Sindku qara l-ittra li rċievejna lil Kunsill kollu u qal li kien mar jieħu parir mingħand Avukat. Huwa qal li l-parir tal-Avukat huwa li għandna nirrisponduh b'kontro protest. Is-Sindku qal li bħala spejjeż m'hemmx spejjeż kbar. Għalhekk għal issa għandna nagħmlu l-kontro protest u naraw x'ser jiġri l-quddiem. Il-Viċi Sindku qal li bħala Kunsill għandna naqblu b'liema avukat ser naħdmu. Is-Sindku qal li ser naħdmu b'Abela Advocates & Associates. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 Extension tal-Ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

3.8.1 Is-Sindku qal li bħal ma diga għamilna, l-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv għandna nġedduha kull tlett xhur. Is-Sindku qal li l-ħatra tad-Deputat Segretarju kienet ser tiskadi fil-bidu t'April għalhekk huwa propona li l-kunsill għandu jġedded din il-ħatra għal 90 jum ieħor. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.9 Jum Ħal Safi

3.9.1 Id-deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li daqt konna ser niċċelebraw Jum Ħal Safi għalhekk kien wasal iz-zmien sabiex naħsbu x'konnna ser nagħmlu għal din l-attivita.
Il-Kunsill qabel fuq dan il-programm:

Il-Gimgha 21 t'April: Wine and Pizza Night u kompetizzjoni tal-inbid

Is-Sibt 22 t'April: Sports Day u Premju Onoreficenza

Il-Hadd: 23 t'April: Quddiesa tal-10:00 u wara riceviment fis-sala tal-Kunsill

3.9.2 Is-Sindku qal li bħala animation ghal waqt il-Wine and Pizza Party għal din is-sena għandna nistiednu l-Għawdxin biex jallegraw is-serata. Il-Kompetizzjoni ser tkun miftuħa għal kulħadd u l-applikanti għandhom jippreżentaw flixkun wieħed.

3.9.3 l-Kunsillier Carlo Stivala issuġerixxa li bħal snin oħra għandna nagħmlu Sports Day is-Sibt wara nofsinhar bħal snin oħra fejn ser jingħata Token u goody bag lil kull min jipparteċipa. Il-goody bag ikun fiha tuffieħa, ilma u cereal bar.

3.9.4 Is-Sindku qal li ghal waqt l-attivita' fejn ser jingħata l-premju Onorefiċenza sabiex inbiddlu ftit din is-sena propona li nqabbdu lis-Sur Jonathan Sciberras tal-grupp Novum Ensemble. Ukoll sabiex inbiddlu ftit mis-sena l-oħra s-Sindku qal li kien kellem lis-Sur Jonathan Balzan għaliex xtaq li nżidu slot żgħira ta' qari ta' poeżiji. Bħala preżentatriċi għandna bħal dejjem ngħidu lis-Sinjura Dorianne Zammit Briffa.

3.9.5 Bħala Bord tal-premju Onorefiċenza s-Sindku qal li kien ser jissuġerixxi ħames ismijiet bħala Bord. Is-Sindku ssuġerixxa lis

Sur Tarcisio Barbara bħala Chairperson,
Is-Sur Eddie Bonello
Is-Sur Publius Abdilla
Is-Sur Paul Callus
Is-Sur Charles Fenech

Bħala relievers il-kunsill qabel li għandna ngħidu lis-Sur Giljan Bonello u s-Sur Salvu Zammit. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla ssuġerixxiet lil Robert Abdilla jew lil William Grech. Minbarra dawn il-Viċi Sindku qal li għandna naraw min kienu r-relievers tas-sena l-oħra u filkaż ngħidu lilhom. (l-ex kunsillier is-Sur Jimmy Busuttil)

3.9.6 Ghar-riċeviment fis-Sala tal-Kunsil, id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li kienet ġabret tlett kwotazzjonijiet. L-istimi kienu 605.40 mingħand Pinto Caterers, 709.77 Euros mingħand James Caterers u 637.79 mingħand Neriku Confectionery. Għalhekk din is-sena Pinto Caterers kwotaw l-irħass prezz ta' 604 Euros. Għalhekk l-Kunsill qabel illi għandna ngħażlu lil Pinto Caterers.

3.9.7 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi l-Hadd ta' wara li niccelebraw Jum Hal Safi tixtieq li tagħmel attivita' fejn titħawwel sigra li ser tkun parti mill-progett li għandhom il-Kunsill taz-zagħzagħ. Il-kunsilliera qalet ukoll sabiex nidentifikaw post fejn ikunu jistgħu jitħawlu xi fjuri sabiex iz-zagħzagħ jidraw u japrezzaw l-ambjent.Is-Sindku qal li għandna nidentifikaw post ukoll sabiex inħawlu sigra li ser tkun kommemorattiva' għal kennies Veritas.

Rigward il-kuntratt li għandna mal-Waste Collection is-Sindku qal li forsi għandna ninvestu ftit sabiex ikollna aktar fjuri fir-raħal. Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi peress li l-Kunsill taz-zagħżagħ għandhom proġett rigward l-Ambjent forsi nistgħu noħorġu l-ispiża nofs bin-nofs. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta.

3.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

3.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fil-7.45 pm. Laqgħa li jmiss ser tkun l-Erbgħa 12 t' April 2017 fit-5:30 pm.

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Iffirmati